MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Rikors Numru. 449/2009

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogate fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha l-Avukat Theresa Comodini sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Avukat Dottor Theresa Comodini (I.D. 134273M)**

**-vs-**

**Gevimida Limited (C3558)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlettax (13) ta' Novembru, 2009 fejn l-istess socjeta' talbet li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef sitt mija u sitta u tletin Euro u tmienja u tletin Euro centezmi (€4,636.38), jew somma ohra verjuri, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi meta nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2005, waqa' hajt proprjeta' tas-socjeta' konvenuta Gevimida Limited, fi Triq iz-Zejtun,

Birzebbugia, fuq vettura ipparkjata, bin-numru tar-registrazzjoni TER 153, proprjeta' tal-attrici l-Avukat Dottor Theresa Comodini u assigurata mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. u ghal-liema danni hija responsabbli s-socjeta' konvenuta. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin Euro centezmi (€58.23) lill-attrici l-Avukat Dottor Theresa Comodini rapprezentanti excess payment minnha mhallas, u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef, hames mija u tmienja u sebghin Euro u hmistax-il Euro centezmi (€4758.15) rapprezentanti d-danni kollha sofferti illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skond il-ligi.

Bl-ispejjez legali kollha, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Frar 2007 ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra s-socjeta' Gevimida Limited u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali surriferita sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta' konvenuta minn issa stess ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Gevimida Limited ipprezentata nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2009 fejn eccepiet is-segwenti:

*1. "Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.*

*2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*3. Illi l-incident mertu ta' din il-kawza kien kagunat minn forza magguri, u konsegwentement kwalunkwe hsara li tista' tirrizulta li grat ghandhom ibatuha l-atturi, jew min minnhom.*

*4. F'kull kaz u bla pregudizzju, l-esponenti Gevimida Limited ma tahti bl-ebda mod ghall-incident allegat mill-atturi u konsegwentement mhix responsabbli ghall-hsara li tista' tirrizulta li sofrew b'rizultat tal-istess.*

*5. In oltre, f'kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont reklament mir-rikorrenti, in linea ta' danni huwa eccessiv."*

Semghet lill-avukati tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u cioe' dik tal-preskrizzijoni. Il-Qorti semghet ukoll lill-partijiet jitolbuha sabiex taghti sentenza preliminari proprju fuq din l-eccezzjoni, ghal-liema skop ser tinghata s-sentenza llum.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, ghaliex fil-fehma taghha ghaddew sentejn mid-data tal-incident sakemm gie ntavolat att gudizzjarju. Is-socjeta' attrici invece ssostni mod iehor u tghid li l-proceduri, li waslu fi stadju ta' Appell mill-Bord tal-Arbitragg jinterrompu l-preskrizzjoni. L-incident li dwaru saret din il-kawza sehh fit-tmienja (8) ta' Frar 2005 gewwa Triq iz-Zejtun, f'Birzebbugia . Illi jirrizulta bla tlaqliq u minghajr ebda kontestazzjoni li nhar is-sebgha (7) ta' Frar 2007 is-socjeta' attrici kienet ipprezentat ittra ufficcjali kontra is-socjeta' konvenuta proprju fuq dan l-istess kaz, liema ittra ufficcjali giet notifikata lis-socjeta' konvenuta l-ghada tmienja (8) ta' Frar 2007, u ghalhekk m'hemmx dubbju li dan il-perjodu preskrittv gie nterrott.

Gara pero' li wara din id-data s-socjeta' attrici ma pprezentat l-ebda ittra ufficcjali ohra izda intavolat process gudizzjarju a bazi tal-Avviz Legali 279/2005, li emenda r-raba' skeda tal-kap 387 maghruf bhala l-Att dwar Arbitragg fejn gie ordnat arbitragg mandatarju f'certu istanzi imsemmija f'dan l-istess Att. L-Arbitru tac-Centru tal-Arbitragg nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2009 ta decisjoni fil-kaz fl-ismijiet "**Middlesea Insurance plc et noe vs Gevimida Limited"** u minnha sar Appell lill-Qorti ta' l-Appell u nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru 2009 inghatat sentenza fejn dik il-Qorti ikkonfermat l-Arbitragg

moghti mic-Centru ghaliex fil-fehma taghha dan ma kienx kaz li jaqa taht l-Att dwar arbitragg mandatorju.

Is-socjeta' attrici ssostni li l-proceduri quddiem ic-Centru ta' l-Arbitragg huma tali li jistghu ukoll jinterrompu l-preskrizzjoni milli tibqa' ghaddejja, ghaliex fil-fehma taghha dawn il-proceduri jammontaw ghal talba gudizzjarja kif imsemmi fl-**artikolu 2132** tal-Kodici Civili li jiddisponi is-segwenti:

*2132. "(1) Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja, jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tibqa' dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda.*

*(2) Ghal dik li hija r-rinunzja jew ic-cahda ta' talba gudizzjarja, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux fil-kazijiet li l-attur jista', skond il-ligi, jerga' jgib ' il quddiem it-talba, basta li din it-talba terga' tingieb ' il quddiem fl-istess Qorti jew f 'ohra fi zmien xahar minn dak in-nhar tar-rinunzja jew tac-cahda, u l-konvenut jigi nnotifikat bil-mod u fiz-zmien imsemmijin fiz-zewg artikoli ta' qabel dan, skond ma jkun il-kaz.."*

Il-Qorti rat ir-referenzi moghtija lilha mill-partijiet u hija propensa taqbel mat-tezi tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda it-tifsira ta' Qorti. M'hemmx dubbju, kif sewwa pprovdiet is-sentenza citata mill-konvenut fl-ismijiet "**<u>Anthony Grech vs Claire Calleja"</u>** deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla sede Kostituzzjonali nhar id-dstax (19) t'Ottubru 2007, fis-sens li l-proceduri taht l-Att ta' Arbtragg ma tantx jipprovdu garanzija xierqa u oggettiva ta' mparzjalita' u ndipendenza specjalment meta l-Arbitru ma jkunx appuntat bi qbil bejn il-partijiet. L-Arbitru maghzul huwa sottomess ghall-pjacir tac-centru u m'ghandu l-ebda *"security of tenure"*. Ic-Centru jew ic-Chairman jista' jiddeciedi ghal raguni hi x'inhi, li ma jahtarx persuna bhala Arbitru, u meta tqis li c-Centru huwa ftit jew wisq taht il-Kontrol tal-Ministru ma jistax jinghad li l-hatra ta' Arbitru hija kompletament indipendenti mill-Esekuttiv. Jinghad li mhux biss in-nomina ta' persuna biex isservi bhala arbitru hija ghazla soggettiva, pero aktar minn hekk jekk dik il

persuna tibqax titqies bhala misthoqqa biex terga' tinghazel, jiddependi hafna fuq apprezzament soggettiv tac-Chairman u tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta.

Issa min-naha l-ohra huwa minnu li kull Magistrat u Imhallef jiddependi ghall-hatra tieghu ftit jew wisq, mill esercizzju tad-diskrezzjoni soggettiva tal-Gvern tal-gurnata, pero' darba mahtur, kull gudikant igawdi minn *'security of tenure'* b'mod li ma jistax jitnehha mill-kariga jekk mhux minhabba nkapacita' ppruvata u wara adesjoni minn zewg terzi tal-Membri tal-Kamra tar-Rapprezentanti.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Clancy vs Dempsey Caird"** deciza nhar l-erbgha (4) t'April 2000 inghad li *"The most basic requirement for independence is security of tenure such as to provide a guarantee against any interference with the judges's functions from any outside source and in particular from the executive. The obvious and ideal way to ensure such security is for every judicial appointment to be permanent and full time with tenure 'ad vitam aut culpam"*

Skond l-Artikolu 3 u 4 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili il-Qrati ta' Malta huma is-segwenti:_

***3. Il-Qrati Superjuri huma:***
*(a) Il-Qorti Civili;*
*(b) Il-Qorti ta' l-Appell; u*
*(c) Il-Qorti Kostituzzjonali.*

***4. Il-Qrati Inferjuri huma:***
*(a) Il-Qorti tal-Magstrati (Malta), ghall-Gzira ta' Malta;*
*(b) Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna.*

Illi ghalhekk ic-Centru tal-Arbitragg ma jisax jitqies bhala Qorti fit-tifsira moghtija fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-**Artikolu 39(6)** jipprovdi is-segwenti:

"*Kull Qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decisjoni dwar l-esistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u*

*mparzjali, u meta l-proceduri ghal decisjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq u gheluq fi zmien ragonevoli.”*

Issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet “**<u>Il-Pulizija vs Emmanuel Vella”</u>** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju 1986, dwar x’inhi l-komposizzjoni ta’ Qorti. Hija thoss li l-Kostituzzjoni qeghda tikkontempla zewg xorta ta’ Qrati – Il-Qorti Superjuri u l-Qorti Inferjuri . Din id-distinzjoni maghmula mill-Kosituzzjoni taqbel mad-distinzjoni li kienet giet introdotta ghall-ewwel darba fil-bidu ta’ l-okkupazzjoni Ingliza f’Malta mill-ewwel Gvernatur Ingliz Sir Thomas Maitland, u li tinsab fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili kif ukoll fil-Kodici Kriminali. L-istess Taqsima mbaghad tirreferi ghall-Imhallfin tal-Qrati Superjuri u tiddisponi dwar il-hatra u z-zamma tal-kariga taghhom. It-Taqsima tirreferi mbaghad ghall-Magistrati tal-Qrati Inferjuri u tiddisponi dwar il-hatra taghhom u tapplika ghalihom id-dispozizzjonijiet rigwardanti z-zamma tal-kariga ta’ l-Imhallef. Jidher car mill-kumpless tad-disposizjonijiet ta’ din it-Taqsima li min ghamel il-Kostituzzjoni, bil-kelma Qorti ried jifhem biss “Qorti Superjuri” u “ Qorti Inferjuri”. Din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddipartixxi minn dan l-insenjament. L-organi gudizzjajri huma dawk li jikkwalifikaw bhala jew Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri fit-terminu tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili kif fuq imfisser u huwa ghal dawn il-Qrati li l-Legislatur qed jirreferi fl-Artikoli 46(3) u 47(1).

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-proceduri quddiem l-Arbitragg m’ghandhomx jigu kunsidrati bhal proceduri gudizzjajri u konsegwentement ma jghoddux sabiex jinterrompu l-preskrizzjoni. Jinghad ghalhekk li l-perijodu preskrittiv f’din il-kawza rega’ beda jiddekorri fit-tmienja (8) ta’ Frar 2007 u ghalhekk l-azzjoni kienet tigi preskritta jekk tigi ntavolata wara id-disgha (9) ta’ Frar 2009 kif effettivament gara. Bejn it-tmienja (8) ta’ Frar 2007 sat-tnax (12) ta’ Novembru 2009, meta giet intavolata din l-istess kawza, ma kien hemm l-ebda att gudizzjarju li ghen

sabiex jinterrompi il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kif dispost fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili:

*2153. L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.*

**F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti hija propensa tilqa' l-ewwel talba konvenuta dwar il-preskrizzjoni u tiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u tastjeni milli tiehu konjizzjoni uilterjuri ta' dan il-kaz.**

**Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta' attrici nomine bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------